MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

SEDUTA TAS-26 TA' SETTEMBRU, 2013

NUMRU 903/2013

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**
**STEFANO MUSCAT**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Stefano Muscat** ta’ 28 sena bin Carmel u Antonia nee’ Fontenebero imwieled Pieta’ fl-14 t’Awwissu 1985 u joqghod, 26, Triq Hal-Luqa, Rahal Gdid detentur tal-karta tal-identita’ numru **404885M** , gie mressaq quddiemha akkuzat talli b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, u cioe`:-

1. Nakkuzah talli fis-16 ta’ Settembru 2013 f’hinijiet wara 9pm, fi Triq Sir Paul Boffa Avenue, Rahal Gdid u diversi toroq f’dawn il-gzejjer waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla Fiat Punto numru tar-registrazzjoni BUV748,

bla ordni skond il-Ligi ta' l-Awtorita Kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Charlene Schembri minn Bormla fejn ghamillha offiza fuq il-persuna taghha u/jew heddiha bil-mewt;

2. U aktar talli fl-istess cirkustanzi saq vettura tal-ghamla Fiat Punto numru tar-registrazzjoni BUV748 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza;

3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol u jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Charlene Schembri minn Bormla skond ma ccertifika Dr.Anton Mifsud reg 1732 mic Centru tas-sahha Bormla;

4. U aktar talli, fl-istess cirkostanzi hedded bil-fomm lill-istess Charlene Schembri minn Bormla b'delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni;

5. Ukoll talli f'hinijiet differenti fis-16 ta' Settembru 2013 f'dawn il-gzejjer bl-mgieba tieghu gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Charlene Schembri minn Bormla b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghaliha;

6. U nakkuzah ukoll talli fil-lejl ta' bejn is-16 ta' Settembru 2013 u s-17 ta' Settembru 2013 fil-fond Joy Court Flat 4 li jinsab fi Triq Cassarino, Qawra, San Pawl u/jew f'dawn il-gzejjer bla ordni skond il-Ligi ta' l-Awtorita Kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Charlene Schembri minn Bormla liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra jew biex persuna ohra tkun imgieghla taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha u/jew ghamillha offiza fuq il-persuna taghha u/jew heddiha bil-mewt;

7. U talli fl-istess cirkustanzi ikkommetta serq ta' mobile ghamla Samsung u 20 ewro propjeta' ta' Charlene

Schembri minn Bormla liema serq hu aggravat bil-lok u bil-vjolenza;

8. U ukoll talli bejn is-16 ta’ Settembru 2013 u s-17 ta’ Settembru 2013 taht l-istess cirkustanzi f’dawn il-gzejjer ikkaguna biza’ lil Charlene Schembri minn Bormla li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;

9. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi qabad arma [sikkina] kontra Charlene Schembri minn Bormla;

10. U aktar talli, fis-17 ta’ Settembru 2013 u zminijiet qabel f’dawn il-gzejjer garr u zamm strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-kummissarju tal-pulizija;

11. Ukoll talli fis-17 ta’ Settembru 2013 ghal habta ta’ 6.45pm meta gie mitlub bil-fomm biex imur minn jeddu fl-Ghassa tal-pulizija tal-Fgura naqas li jirraporta;

B’hekk Stefano Muscat irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hi mitluba li f’sejbien ta’ htija Stefano Cutajar jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan.

Il-Qorti hi mitluba biex tapplika l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta ta’ Charlene Schembri minn Bormla.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Charlene Schembri minn Bormla u tapplika l-provedimenti ta’ Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-Seduta tat-18 ta` Settembru 2013;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet sottomissjonijiet finali;

Ikkunsidrat;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew dak li xehed l-ufficjal prosekutur u dak li ssottometta l-imputat minn jeddu quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-18 ta` Settembru 2013, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex taghmel id-dikjarazzjoni ta` htija u taghti s-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni bikrija ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena. Din il-Qorti pero` qed tiddikjara minnufih li fil-kalibrazzjoni tal-piena sejra tati lill-hati l-beneficcju li ggib maghha ammissjoni bikrija.

Qieset in tema ta` piena dak li qal bil-gurament l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Spiridione Zammit. Huwa qal illi filwaqt li japprezza l-ammissjoni da parti ta` l-imputat, iddikjara illi dan kien kaz serju hafna. Mill-investigazzjoni, jghid li irrizultalu li intuzat il-vjolenza fuq persuna tas-sess femminili, Charlene Schembri. Jirrizultalu li lil din Charlene Schembri ghaddieha minn mumenti ta` biza b'dak li ghamel. Ghaddieha minn sieghat shah ta` biza u terrur bl-uzu ta` sikkina; jidher li zammha u ma hallihiex tohrog mill-vettura li kien qed isuq; l-istess ghamel meta hadha fil-fond *de quo* fil-Qawra. L-imputat agixxa, matul dan il-hin kollu, b'mod li werwirha u ghamlilha feriti ta` natura hafifa (fi kliemu stess *black eye*). Hadilha €20 u l-mobile. L-Ispettur tal-pulizija jghid ukoll li l-imputat u Charlene

Schembri kellhom relazzjoni relattivament qasir ta` xi ftit gimghat, li mbaghad spiccat, imma l-imputat ma accettax ir-realta`. Ikompli billi jghid li Charlene Schembri tinsab imbezza mill-imputat u talab lill-Qorti tuza l-ligi biex tipprotegi lill-vittma.

Illi l-ufficjal prosekutur kompla jelabora u qal li l-fedina penali ta` l-imputat turi persuna li ma jiddejjaqx juza l-vjolenza u l-armi, li ma jiddejjaqx, addirittura, juza t-theddid fil-konfront tal-membri tal-korp tal-pulizija. Il-fedina penali turi li l-imputat ma jridx jitghallem. L-ufficjal prosekutur zied jghid bil-gurament illi l-imputat ma kkopera xejn mal-pulizija u sahansitra injora t-talba tal-pulizija biex imur l-ghassa halli jkellmuh.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti, kif inhu l-obbligu taghha, qiset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti, kemm bix-xhieda tal-Ispettur tal-Pulizija, kif ukoll bhala sottomissjonijiet orali. Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reati kommessi mill-imputat huma lkoll ta` natura serja. U fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza partikolari, il-hati ta` dawn ir-reati ikun jimmerita li jigi karcerat b’mod effettiv.

Minghajr ebda rizervi, din il-Qorti hi tal-fehema li meta wiehed jara sew il-fedina penali ta` l-imputat, jinduna li verament l-imputat injora ghal kollox id-diversi opportunitajiet li gia tawh il-Qrati Maltin. Gew applikati fil-konfront tieghu id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 152 (imhassar bil-Kap 446); inghata sentenza sospiza f’zewg sentenzi separati. Il-fedina penali titkellem wahedha. Turi li l-imputat ma ghandux interess li jgib ruhu b’mod civili, ma ghandux interess li jinbidel; turi li huwa aktar inklinat lejn il-kriminalita`. Ma fehemx bizzejjed il-konsegwenzi ta` dak li beda jaghmel minn zmien ilu; ma apprezzax bizzejjed l-opportunitajiet li tawh il-Qrati ta` Gustizzja Kriminali.

Il-Qorti hi fl-obbligu li taghmel gustizzja. Triq tipprotegi lis-socjeta` minn komportament li ma hux tollerabbli f’socjeta`

civili. Triq tibghat messagg car li min, fost reati ohra, juza l-vjolenza, jikkawza feriti, jissekwestra persuna, iwerwer tali persuna sekwestrata, u waqt dan kollu jaghmel uzu minn sikkina, ghandu jifhem li zbalja serjament u jimmerita li jinghata piena li tkun tirrifletti dak kollu li jkun ghamel. Aktar u aktar meta huwa meqjus ukoll recidiv ai termini ta` l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha li m'ghandiex triq ohra salv li timponi piena karcerarja effettiva kif ukoll il-multa.

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI**, u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 289, 86, 214, 221, 249(1)(2), 251A, 87(1)(c)(e), 261(a), 274(c), 275, 277, 251B, 339(1)(b), 355AD, 383, 384, 385, 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 15(1)(a) u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapiltolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputat hati ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah komplessivament ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija u multa ta` elef u hames mitt ewro (€1,500). Tordna ukoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ta` Stefano Muscat ghal zmien tmintax-il xahar mill-lum.

Bl-applikazzjoni ta` l-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, peress li l-Qorti thoss li huwa espedjenti u illi jezistu cirkostanzi idonei li jimmilitaw favur il-hrug ta` ordni ta` trazzin kontra l-hati Stefano Muscat, fosthom izda mhux biss, il-komportament tieghu in generali, li kien anke vjolenti fil-konfront ta` Charlene Schembri, liema mgieba ikkawzalha biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha, u sabiex tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-iskop ta` protezzjoni tal-persuna ta` Charlene Schembri, **tordna ghalhekk il-hrug ta` *ORDNI TA` TRAZZIN* kontra l-hati Stefano Muscat *li specifikatament jipprojbixxi jew jirrestringi lill-hati milli javvicina, milli jikkuntattja jew jimmolestja, jew b'kull mod iehor isegwi l-passi jew il-movimenti tal-persuna ta` Charlene Schembri*, u dana l-ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` tlett (3) snin u li ghandu jibda ghaddej mid-data ta` l-iskadenza tal-piena nflitta fuq il-hati bis-sahha ta` din is-sentenza**.

Il-Qorti tordna li, ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-atti kollha ta’ dan il-procediment u kopja ta’ din is-Sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------